

**Rikors ippreżentat fit-28 ta' Frar 2014 – JingAo Solar et vs Il-Kunsill****(Kawża T-158/14)**

(2014/C 159/46)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrenti: JingAo Solar Co. Ltd (Ningjin, iċ-Ċina); Shanghai JA Solar Technology Co. Ltd (Shanghai, iċ-Ċina); Yangzhou JA Solar Technology Co. Ltd (Yangzhou, iċ-Ċina); Hefei JA Solar Technology Co. Ltd (Hefei, iċ-Ċina); Shanghai JA Solar PV Technology Co. Ltd (Shanghai, iċ-Ċina); u JA Solar GmbH (Munich, il-Ġermanja) (rappreżentanti: A. Willems, S. De Knop u J. Charles, avukati)

Konvenut: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

**Talbiet**

- tiddikjara r-rikors ammissibbli;
- tannulla r-Regolament ta' Implantazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 1239/2013, tat-2 ta' Diċembru 2013, li jimponi dazju kumpensatorju definitiv fuq importazzjonijiet ta' moduli fotovoltaċċi tas-siliċju kristallin u komponenti ewlenin (jiġifieri ċelloli) li jorġinaw jew li huma kkunsinnati mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina (ĠU L 325, p. 66), sa fejn japplika għar-rikorrenti;
- tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħhom, ir-rikorrenti jinvokaw tliet motivi.

1. L-ewwel motiv, ibbażat fuq il-fatt li, billi imponew miżuri kumpensatorji fuq moduli fotovoltaċċi tas-siliċju kristallin u komponenti ewlenin ikkunsinnati mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina, meta l-avviż tal-bidu semmiet biss moduli fotovoltaċċi tas-siliċju kristallin u komponenti ewlenin li jorġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina, l-istituzzjonijiet Ewropej kisru l-Artikoli 10(2) u 10(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 597/2009 <sup>(1)</sup>.
2. It-tieni motiv, ibbażat fuq il-fatt li, billi imponew miżuri kumpensatorji fuq moduli fotovoltaċċi tas-siliċju kristallin u komponenti ewlenin li ma kinux is-suġġett ta' investigazzjoni antidumping, l-istituzzjonijiet Ewropej kisru l-Artikolu 1 u 27 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 597/2009.
3. It-tielet motiv, ibbażat fuq il-fatt li, billi wettqu investigazzjoni waħda biss għal żewġ prodotti distinti (jiġifieri, il-moduli fotovoltaċċi tas-siliċju kristallin u ċ-ċelloli), l-istituzzjonijiet Ewropej kisru l-Artikolu 2(c) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 597/2009.

<sup>(1)</sup> Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 597/2009, tal-11 ta' Ġunju 2009, dwar il-protezzjoni kontra importazzjonijiet sussidjati minn pajjiżi li mhumiex membri tal-Komunità Ewropea (ĠU L 188, p. 93).

**Rikors ippreżentat fid-19 ta' Marzu 2014 – Marzocchi Pompe vs UASI – Settima Flow Mechanisms (ELIKA)****(Kawża T-182/14)**

(2014/C 159/47)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

**Partijiet**

Rikorrenti: Marzocchi Pompe SpA (Casalecchio di Reno, l-Italja) (rappreżentant: M. Bovesi, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Settima Flow Mechanisms (Grossolengo, l-Italja)